MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 73

It-Tnejn 27 ta' Novembru 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

73.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi u l-Kunsillier Juliet Attard infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu indisposti. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

### 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

73.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 71 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 72 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

73.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

73.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

73.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li rċieva suġġeriment sabiex tiġi nstallata bozza ġdida fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi. Wara konsultazzjoni mar-residenti tal-madwar din il-bozza se jkollha teħel ma' arblu jew kanna ġdida. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

73.3.2 Is-Sindku ressaq suġġeriment, wara li nġabet għall-attenzjoni tiegħu, sabiex isir *double yellow lines* fi Triq iż-Żgħawri faċċata ta' entratura ta' razzett. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

### 73.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

73.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmela Parnis staqsiet dwar l-arblu tad-dawl fi Pjazza tal-Knisja li kellu jinqala minn Enemalta plc u dwar il-

kundizzjoni tas-siġar tal-pjazza. Is-Sindku wieġeb li ser tintbagħat tfakkira lil Enemalta plc rigward il-qlugħ tal-arblu, u dwar is-siġar tal-pjazza huwa nforma lill-membri li l-Kunsill qabbad espert tekniku li qalilna li f'dan iż-żmien dawk it-tip ta' siġar jorqdu u jwaqqgħu l-weraq filwaqt li ta suġġeriment sabiex jitnaqqas il-ħin ta' tisqija u jitferrex ftit minjura ġol-konok.

## 73.5 Proġetti fil-Lokalita';

73.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li beda x-xogħol fuq l-installazzjoni tad-dawl dekorattiv ġdid fix-Xlendi. Dawk ta' Triq San Xmun saru filwaqt li fil-jiem li ġejjin ser isiru wkoll dawk ta' Triq ir-Rabat u Trejqet il-Madonna tal-Karmnu. Fir-rigward tax-xogħol fuq l-installazzjoni tar-*railing* il-ġdid ta' Triq San Xmun, is-Sindku nforma lill-membri li dan ix-xogħol dalwaqt ser jibda wkoll.

73.5.2 Rigward il-proġett ta' tisbieħ tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, is-Sindku informa lill-membri li ġie ffirmat il-kuntratt tax-xogħlijiet tal-infrastruttura u fil-jiem li ġejjin ser jiġi ffirmat il-kuntratt tax-xogħlijiet relatati mas-sistema tad-dwal għal dan l-istess proġett.

## 73.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

73.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika sal-15 ta' Diċembru 2023 li fiha jiġu diskussi l-estimi finanzjarji għas-sena 2024 wara li jiġu evalwati s-suġġerimenti mill-pubbliku li jattendu għal din il-laqgħa pubblika. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa issir nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023 fil-5.00pm u jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

## 73.7 Jum Il-Munxar 2023;

73.7.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, flimkien mal-membri preżenti kkonfermaw li l-attivitajiet ta' Jum Il-Munxar 2023 ser isiru bħas-snin ta' qabel jiġifieri quddiesa ta' radd il-ħajr nhar it-12 ta' Diċembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Knisja Parrokjali u ssegwi serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokjali fis-7.00pm u wara jkun hemm riċeviment. Wara

diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil li jiġi pprezentat ir-rikonoxximent ta' Ġieħ Il-Munxar lil Carolina Curmi u Agnese Buttigieg filwaqt li tingħata tifkira f'għeluq it-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali lil ex-membri ta' dan il-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu.

## 73.8 Milied 2023;

73.8.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li l-Kunsill dan l-aħħar jiem kien qed jaħdem bi sħiħ fuq l-attivitajiet tal-Milied u ppreżenta l-programm għall-approvazzjoni tal-membri.

- 8 ta' Diċembru 2023 – Ħarġa kulturali ġewwa Għawdex fejn nisimgħu quddiesa fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Qala, nżuru Ta' Mena Complex u The Magro Christmas Family Fest ġewwa x-Xewkija.
- 17 ta' Diċembru 2023 – Attivita' għat-tfal u l-familji fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar b'divesi karattri animati tal-Milied u logħob għat-tfal. Jieħdu sehem kantanti lokali, korijiet tat-tfal u gruppi taż-żfin. Din l-attivita' ser tittella bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex.
- 22 ta' Diċembru 2023 – Ħarġa għall-familja kollha ġewwa Malta fejn inżuru *The Magical Illuminated Trail and Christmas Village* ġewwa l-*Verdala Palace* fis-Siġġiewi. Il-biljetti tad-dħul jitħallsu minn dawk li ser jattendu filwaqt li l-Kunsill iħallas it-trasport.
- 25 ta' Diċembru 2023 – Tqassim tar-rigali għat-tfal minn Father Christmas u tqassim ta' ikla lill-anzjani u nies vulnerabbli b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex.
- 28 ta' Diċembru 2023 – Ħarġa għat-tfal bit-*trackless train* u wara naraw film ġewwa Citadel Cinema. Tingħata tifkira tal-Milied lit-tfal li jattendu.

Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan il-programm ta' attivitajiet u biex jinħareġ fuljett li jitqassam f'kull residenza.

73.8.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li beda l-armar u t-tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi mill-għaqdiet tar-raħal bħalma sar fis-snin passati.

## 73.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

73.9.1 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' għat-tfal u l-familji – Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 17 ta' Diċembru 2023;
- OASI Foundation Jump for Life – Bajja tax-Xlendi – 30 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill se jkun qed jikkontribwixxi f'dawn l-attivitajiet.

73.9.2 Il-Kunsill irċieva taħrika mill-Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex sabiex is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jixhdu fil-kawża bejn All Buildings Limited u Gatt Tarmac Limited. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku għarrfu lill-membri li taw ix-xhieda tagħhom f'din il-qorti nhar is-17 ta' Novembru 2023. Il-Kunsill innota dan.

73.9.3 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Qorti tal-Appell b'rikors rigward annullament ta' żwieġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Charles Bezzina dwar is-serata li huwa organizza f'ġieħ il-Professur Ġuże' Aquilina taħt il-kappa tal-Akkademja tal-Malti bħala rappreżentant għal Għawdex fil-kumitat. Huwa irrimarka li d-deċiżjoni tal-Kunsill li jagħmel bust li jfakkar lil dan il-professur possibbilment ser jagħlaq il-bieb li jsirlu monument. Huwa rrimarka wkoll dwar ktieb li ppubblika huwa stess 'Il-Qilla tal-Gwerra' fejn il-Kunsill ma xtarax kopja tiegħu kif ukoll li l-Munxar huwa l-uniku raħal f'Għawdex li m'għandux lapida tal-vittmi tal-gwerra. Is-Sindku għarraf lill-membri li huwa jaqbel fil-prinċipju li
, jixraq monument f'ġieħ il-Professur Ġuże' Aquilina li ilu għal diversi snin jiġi mwiegħed mill-Gvern Ċentrali iżda l-Kunsill ottjena fondi mill-Aġenzija LESA sabiex isir bust. Il-Kunsill ta' ġieħ lil dan il-professur diġa' f'forom oħra wkoll billi issemma ġnien u ssemmiet t-triq prinċipali għalih. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jixtri kopja tal-ktieb 'Il-Qilla fil-Gwerra' kif ukoll ġie kkonfermat sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti biex isir dan il-bust skont il-kuntratt ta' finanzjament mill-iskema tal-Aġenzija LESA. Kien hemm qbil ukoll sabiex l-Akkademja tal-Malti tiġi nvoluta għall-inawgurazzjoni ta' dan il-bust.

73.9.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru Għal Għawdex sabiex jibgħat informazzjoni dwar xi attivitajiet tal-Karnival li se jsiru fis-sena 2024 biex jiġu nklużi fil-programm li qed jithejja minnhom. Kien hemm qbil mill-membri sabiex l-attivita' tal-Karnival għas-sena li ġejja ssir nhar il-Ħamis 8 ta' Frar 2024.

73.9.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand 'Din L-Art Ħelwa' li ser issir iċ-ċerimonja ta' 'Din L-Art Ħelwa Awards for Architectural Heritage' nhar il-5 ta' Diċembru 2023. Is-Sindku stieden lill-membri sabiex jattendu wara li l-Kunsill flimkien mal-Perit tal-Proġett ġie nnominat fuq il-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi.

73.9.7 Il-Kunsill irċieva stedina għall-ikla tal-Milied organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġewwa Għawdex nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex rigward l-inizjattiva mill-'Fondazzjoni Għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija' biex in-naħla maltija tiġi ddikjarata bħala l-insett nazzjonali. Il-Kunsill irċieva wkoll korrispondenza mingħand l-għaqda 'Breeds of Origin Conservancy' sabiex il-Kunsilli jkunu kawti għal din it-talba ta' appoġġ kif ukoll il-Kunsill irċieva ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie kkomunikat li għaddejjin xi diskussjonijiet bejn il-partijiet. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jistenna sabiex ikollu stampa ċara wara dawn id-diskussjonijiet imsemmija mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, biex jieħu deċiżjoni nfurmata.

73.9.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jagħti l-informazzjoni tad-Data Protection Officer tiegħu. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni sabiex jaħtar lill-Assistent Prinċipali tal-Kunsill bħala Data Protection Officer hekk kif kien irrakkomandat mid-Direttur Ġenerali f'ċirkulari numru DĠ/K/02/2019 u mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali f'ċirkulari AKL 2019/010.

73.9.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex b'informazzjoni dwar korsijiet offruti mill-IPS relatati mad-Data Protection. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Assistent Prinċipali applikat u qiegħda fil-*waiting list* għall-kors li ser jibda fl-24 ta' Jannar 2024.

73.9.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex b'ittra proposta li tintbagħat lill-awtoritajiet f'isem il-Kunsilli Lokali Għawdxin, dwar l-iżvilupp approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fl-inħawi tat-Tempji tal-Ġgantija fix-Xagħra Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jibgħatu l-kummenti tagħhom għal dan permezz ta' *email* fil-jiem li ġejjin.

73.9.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex li ser jerġa' jniedi l-inizjattiva Milied Solidali sabiex titqassam ikla f'Jum il-Milied lil dawk li koppji anzjani jew morda jew vulnerabbli jew dawk li jgħixu waħedhom. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jipparteċipa f'din l-inizjattiva u jibgħat avviż biex dawk interessati jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

73.9.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi stedina għall-festin tal-Milied għall-membri tal-Kunsill nhar it-12 ta' Diċembru 2023 kif ukoll ser timmarka ċ-ċelebrazzjoni tat-30 sena ta' Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.14 PQ 13271 – Fondi Ewropej Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

73.9.15 PQ 13290 – Fondi Ewropej Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

73.9.16 Ċirkulari DLG Numru 17/2023 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.17 Ċirkulari DLG Numru 18/2023 – Ħatra ta' Direttur Ġenerali Designate Għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.18 Ċirkulari DLG Numru 19/2023 – Ħatra ta' Viċi President fi ħdan il-Kamra tar-Reġjuni tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (Kunsill tal-Ewropa). Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.19 Ċirkulari Nru AKL 2023/092 – MIEMA Meeting with Regional Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.20 Ċirkulari Nru AKL 2023/093 – Invitation to the Green Flag and Sustainable Mobility Award Ceremony 13/11/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.21 Ċirkulari Nru AKL 2023/094 – Laqgħa mad-Delegazzjoni tal-Maċedonja u l-Kunsilli Reġjonali, il-Ġimgħa 3 ta' Novembru 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.22 Ċirkulari Nru AKL 2023/095 – Mixja tal-President u Xiri ta' T-Shirts. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.23 Ċirkulari Nru AKL 2023/096 – Back to Basics, giving attention to the simplest and most important matters 25/11/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.24 Ċirkulari Nru AKL 2023/097 – Informazzjoni rigward Ħaddiema Klerikali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.25 Ċirkulari Nru AKL 2023/098 – Tnedija tad-dokument "Shared Transport Sustainable Mobility" 13/11/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.26 Ċirkulari Nru AKL 2023/099 – SUMP Consultation Meetings. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.27 Ċirkulari Nru AKL 2023/100 – "Minn ġot-Taġen għal ġon-Nar", kummiedja kollha daħk fl-Istitut Kattoliku l-Furjana, b'risq id-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.28 Ċirkulari Nru AKL 2023/101 – Stediina għall-għeluq tal-avveniment Hack for Skills. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.29 Ċirkulari Nru AKL 2023/102 – Trobbija tan-Naħla u l-wirt Nazzjonali tagħha. Il-Kunsill innota l-kontenut li ġie diskuss aktar kmieni f'din il-laqgħa.

73.9.30 Ċirkulari Nru AKL 2023/103 – Invitation: Online meeting with the Linking the Levels Unit (LINK) of the European Parliamentary Research Service (EPRS). Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.31 Ċirkulari Nru AKL 2023/104 – ALDA Training in Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.32 Ċirkulari Nru AKL 2023/105 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex din tiġġedded għal sena oħra għall-ħaddiema u l-membri tal-Kunsill.

73.9.33 Ċirkulari Nru AKL 2023/106 – Kunsill Reġjonali tat-Tfal 22/11/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.34 Ċirkulari Nru AKL 2023/107 – Family Fun Fair għat-tfal tal-Kunsilliera u Ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.35 Ċirkulari Nru AKL 2023/108 – Stedina minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society 06.12.23. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.36 Ċirkulari Nru AKL 2023/109 – Christmas Get Together 16/12/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.37 Ċirkulari Nru AKL 2023/110 – sCOOL2Walk Seminar 11/12/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

73.9.38 Ilment 50/2023
Tirraporta terrapien u ġebel tas-sejjieħ mitfugħ fi Triq Żgħawri fil-Munxar, li ilu hemm madwar ġimgħatejn, waqt li qed isir xogħol ta' bini ta' ħajt tas-sejjieħ fil-privat. Is-Sindku ser imur jara fuq il-post.

73.9.39 Ilment 51/2023
Suġġeriment biex tiġi nstallata *cul de sac* f'passaġġ fi Triq Tax-Xadba fil-Munxar miniħabba li xi turisti qed jaħsbuha triq lejn it-torri tax-Xlendi meta filfatt huwa passaġġ għal ġol-għelieqi privati. Kien hemm qbil mill-membri biex issir din it-tabella.

73.9.40 Ilment 52/2023
Tiġbed l-attenzjoni dwar nuqqas mill-kuntrattur milli jidħol fl-isqaq jiġbor il-boroż tal-iskart, kif ukoll il-bramel tal-iskart tal-ħġieġ qed jintefgħu bl-addoċċ wara li jbattalhom il-kollettur. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jinġab għall-attenzjoni tal-kuntrattur.

73.9.41 Ilment 53/2023
Wara lment li kienet ressqet aktar kmieni din is-sena, biex tiċċaqlaq l-bozza l-ġdida li ġiet imwaħħla mal-faċċata tagħha fi Triq San Xmun fix-Xlendi kif ukoll dwar id-dawl li dieħel ġor-residenza tagħha, ir-residenta issa qed titlob sabiex jingħalqu t-toqob tal-viti li qegħdin

mal-faċċata tagħha, kif ukoll il-bozza tiġi koperta fuq in-naħa ta' wara wkoll. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

73.9.42 Ilment 54/2023
Suġġeriment sabiex jiġu nstallati *dog bins* u tabelli sabiex is-sidien tal-klieb jiġbru l-ħmieġ tal-klieb tagħhom fl-inħawi tas-Sanap fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. L-istess persuna ressqet suġġeriment ukoll sabiex jerġa' jibda jsir il-kors tal-ħjata. Dwar dan il-kors kien hemm qbil mill-membri sabiex titressaq talba lill-Ministeru Għal Għawdex.

73.9.43 Ilment 55/2023
Residenta tilmenta dwar qtates li qed jidħlu jħammġu fil-proprjeta' tagħha u jqattgħu l-boroż taż-żibel kontinwament fi Triq it-Torri fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand is-sezzjoni tal-*Animal Welfare* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

73.9.44 Ilment 56/2023
Suġġeriment sabiex, meta jsiru l-attivitajiet, fid-dawl ta' nuqqas ta' parkeġġ, m'għandhomx jingħataw ċitazzjonijiet f'ċerti okkażjonijiet. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din tiġi diskussa waqt laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita'.

73.9.45 Ilment 57/2023
Residenta titlob sabiex tinbidel il-bankina tar-residenza tagħha u ssir mill-ġdid bil-madum minflok *bricks*. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex jiġi determinat jekk il-bankina hix fi stat ħażin jew le biex ma jinħoloqx preċedenti.

73.9.46 Ilment 58/2023
Resident jiġbed l-attenzjoni ta' bankina fi Triq ir-Rumani fix-Xlendi li allegatament saret mingħajr permissi, kif ukoll iressaq oġġezzjoni lill-Kunsill għall-eventwalita' li jintalbu *double yellow lines* faċċata ta' din il-bankina. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 73.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

73.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 73/2023-8 għall-perjodu bejn l-24 t'Ottubru 2023 u s-27 ta' Novembru 2023 li tammonta għal

€29,352.49 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 73.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

73.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv